MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru 432/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**MARIO DIFESA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Difesa ta’ 48 sena, bin Joseph u Mary nee’ Farrugia, imwieled Valletta fid-19 ta’ April 1955, residenti f’l-Indirizz: “Calidonia Tower” Fl13, Triq Qui Si Sana, Sliema. Detentur tal-karta ta’ l-identita numru 333055M.

Billi gie akkuzat talli fit-3 ta' Mejju 2003, fil-belt Valletta xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

Talli fl-istess cirkustanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta.

B'hekk sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-Mario Difesa ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija thassar il-licenza, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskerzzjoni taghha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit u market bhala Dok JC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghal bran mill-kontro-ezami tal-Ispettur Joseph Cordina li fis-Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003 l-imsemmi Spettur, inter alia, qal:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk kemm-il darba kienx sar xi complaint dwar l-iscarf tal-marka . . . . . . nghid illi l-complaint li kien sar lili kien rigwardanti l-oggetti tal-marka Oakey. Nghid illi naqbel li dwar l-iscarf tal-marka . . . . . ma kelli l-ebda kwerela. Rigwardanti scaves tal-marka Fendey u naqbel ukoll illi ma kellna ebda complaint dwarhom. Rigwardanti l-iscarves tal-marka Chanel, nghid li ma kelli ebda kwerela dwarha. Rigwardanti l-iscaves tal-marka Yves St. Laureint lanqas kelli ebda kwerela taghhom. Dwar l-iscarves tal-marka Gianni Versace nghid li ma kelli ebda kwerela dwarhom. Nghid illi dwar in-nuccali tax-xemx tal-marka Ray Ban ma kellix kwerela dwarhom. Rigwardanti in-nuccali tal-marka Chanel nghid li ma kellix kwerela dwarhom. Rigwardanti nuccali tax-xemx tal-marka Diesel ma kellix kwerela dwarhom. Rigwardanti n-nuccali tax-xemx tal-marka Fendey ma kellix kwerela dwarhom. Rigwardant nuccali tal-marka Gucci u dik tal-marka D&G nghid li ma ghandix kwerela. Rigwardani il-hand bags tal-marka Gianni Versace lanqas ma ghandi kwerela. Nigi mistoqsi ghaliex allura dawn l-oggetti li ma kellix kwerela jien ordnajt li dawn jigu elevati mill-hanut Two for One nghid illi ghalija prima face dawn kienu qeghdin jiksru l-ligi fis-sens ili ghax kienu kopji." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fid-dawl tas-suespost u minn ezami tal-provi l-ohra prodotti jemergi li salv ghan-nuccalijiet tax-xemx tal-marka Oakley ma gewx esebiti kwereli rigward l-oggetti tad-ditti l-ohra li gew esebiti f'din il-kawza.

Rigward il-kwerela li tikkoncerna in-nuccalijiet tax-xemx tal-marka Oakley li giet esebita bhala JC4 u li tinsab a fol. 17, il-Qorti sejra ticcita is-segwenti parti minn din il-kwerela: "I write on behalf of my clients, Messrs. Oakley

Sales Corporation of 1, Icon, Foothill Ranch, California, 92610, USA proprietors of the trade mark ‘Oakley’. . . . . . .”

Illi skond Dok. JR4 (estratt mit-Trade Marks registrar rigwardanti Oakley) esebit mix-xhud John Richard (principal ta’ l-industrial properties) fis-Seduta tal-21 ta’ Lulju, 2003 il-Qorti tosserva li skond l-imsemmi document JR4 il-propretarju tal-marka Oakley hu

Oakley, Inc.

a Washington corporation,
10 Holland,
Irvine,
California 92618.
U.S.A.

Ghandu jigi osservat li fl-imsemmi document JR4 fost l-oggetti indikati hemm nuccalijiet tax-xemx.

Mis-suespost hemm indikazzjoni ta’ min hu propretarju ta’ l-Oakley differenti minn dik indikata fil-kwerela esebita bhala Dok. JC4.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal bran mill-kontro-ezami tax-xhud Dr. Michael Grech li sar fis-Seduta tad-9 ta’ Gunju, 2003 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “……………………………………………………………… …..” “Rigwardanti dan il-kaz ma kienx hemm komunikazzjoni diretta bejni u bejn Oakey International USA.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghal Dok GM1 (a fol. 40 tal-Process) li hi Prokura Specjali moghtija minn Oakley, Inc. b’registered address sitwat One Icon, Foothill Ranch, California 92610, USA lill-Dr. Michael Grech. Id-data li ggib din il-Prokura hi 23 ta’ Lulju, 2003.

Hawn jigi rilevat li kwerela esebita a fol. 17 tal-Process (document JC4) iggib id-data tal-25 ta’ April 2003. Dan ifisser li l-Prokura Specjali saret xhur wara li saret il-

kwerela. Ghalhekk il-Prokura kienet sussegwenti ghall-kwerela.

Il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Difesa tinkwadra ruhha fis-sub-artikolu 298(1)(f) tal-Kap. 9. Tirrileva ukoll li procedimenti taht dan is-sub-artikolu ma jirrikjedux kwerela tal-parti offiza.

Tirrileva ukoll li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tinkwadra ruhha fis-sub-artikolu 298(B)(1) tal-Kap. 9 u li skond l-artikolu 298B(2) tal-istess Kap. 9 procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza.

Rigward it-tielet akkuza din tirrigwarda recidiva ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed in kontinwazzjoni tal-Kontro-Ezami ix-xhud Horace Anastasi li fis-Seduta tal-25 ta' April, 2008, fejn qal:

"Nikkonferma li jiena kont Spettur tal-Pulizija. Nghid qieghed nigi mistoqsi mid-Difiza in kwantu l-esperjenza tieghi u kwalifiki rigwardanti l-oggetti mertu ta' din il-kawza nghid jiena kelli esperjenza kemm bhala Spettur u kemm ukoll matul il-perjodu ta' tmien snin li jiena ili nigi appuntat bhala Court expert. Jiena m' ghandiex kwalifiki akademici rigwardanti l-materja in kwistjoni. Fuq domanda li qeghda ssirli mid-Difiza jekk kemm –il darba hawn xi stabbiliment ghal bejgh f'Malta bi dritt esklussiv ta' bejgh ta' prodotti Oakley sunglasses, Gianna Versace u l-ismijiet kollha ta' ditti li ssemmew f'din il-kawza nghid illi llum dana kif qed jigi spjegat lili mid-Difiza, fis-sens illi hanut li jkun bl-isem Chanel jew Gianni Versace u jbiegh eskulissivament prodotti tad-ditta Chanel jew Gianni Versace, nghid li fil-passat naf li kien hemm hanut gewwa Triq Manuel Dimech ta Gianni Versace nghid pero' sa fejn naf jien issa maghluq.

Nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens li dan il-hanut li semmejt m'ghandux l-isem Gianni Versace u nghid lanqas biss kien ibiegh oggetti ta' Gianni Versace. Kien ibiegh ovvjament l-oggetti ta' Gianni Versace pero' kellu wkoll prodotti ta' ditti ohra. In kwantu ghal hwienet li jiena kont precedentement indikajt fix-xhieda tieghi fuq talba tad-Difiza nghid illi dawna l-hwienet jirrizultawli issa ghalqu. Jiena meta kont mort biex naghmel l-inkarigu moghti lili, kont mort biex nezamina u anke biex nixtri prodotti. Prodotti ma xtrajtha. L-opportunita li kelli biex nara l-prodotti kien meta jien kont qieghed gol-hanut. Jiena meta kont qieghed nara l-prodotti li kien hemm gewwa, meta mort fil-hwienet biex naghmel ezami tal-prodotti, jiena l-prodotti ma qabbilthomx like with like. Il-hanut li mort biex naghmel ezami ta' hdejn il-Qorti kien hanut tan-nuccalijiet.

Dan il-hanut ma kienx esklussivament Oakley. Nghid illi jiena tal-hanut, rigwardanti dan tan-nuccalijiet kont kellimtu pero' ma jidhirliex li kien urieni xi fatturi li juru minn fejn kien xtara l-prodotti. Ghaldaqstant minn fejn xtara dana tal-hanut, jien ma nafx. Il-hanut l-iehor li mort gewwa Manuel Dimech Street Sliema, l-isem tal-hanut ma niftakrux. Jidhirli l-persuna li kellimt kienet mara Russa isimha ma nafux.

Jiena lil din ma kontx tlabtha fatturi minn fejn kienet xtrat il-prodotti. Jiena mort f'dan il-hanut biex naghmel ezami ta' basktijiet tad-ditta Gianni Versace. Min hu l-agent tad-Ditta Gianni Versace f'Malta ma nafx min hu. Jiena lil agent ta' l-Oakley ma kellimtux. Jiena li ghamilt mort fil-hwienet biss. Jiena qabel ma gejt appuntat ghal dan l-inkarigu kont rajt nuccalijiet tal-marka Oakley.

Dawna l-prodotti kont rajthom ghand in-nies. Jiena meta nghid rajthom ghand in-nies, fis-sens illi kont interessajt ruhi f'dawn il-prodotti. Nghid illi fuq domanda li qed issirli, jekk dawna n-nuccalijiet li rajthom fuq persuni jiena, kont rajtx xi certifikat jew fatturi li juru minn fejn inxtraw dawna nuccalijiet nghid illi jista' jaghti l-kaz pero' m'hiniex cert. nghid illi jien qed nara bag ta' ditta Gianni Versace u

narah f'idejn mara, minhabba l-interess li ghandi f'din il-qasam, inhares lejn dan l-bag." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li l-mod kif il-Perit Tekniku Horace Anastasi ikkonduca l-inkariku lilu moghti juri certi mankanzi li jixhtu dubbji serji ta' kemm il-Perit Tekniku kien korrett fil-konkluzzjonijiet minnu raggunti fir-Relazzjoni tieghu (Ara Dok. HA1). F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat minn din il-Qorti f'dak li xehed in kontinwazzjoni tal-kontro-ezami Horace Anastasi fis-Seduta tal-25 ta' April, 2008 hawn fuq riportat.

Wara li ezaminat il-provi prodotti u fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Mario Difesa.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat Mario Difesa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------